MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2006

Avviz Numru. 411/2005

**Maltacom p.l.c. (C 22334)**

**vs**

**(1) Mark Gaffarena (ID 447176M)**
**(2) Joseph Scicluna (ID 305143M) bhala stralcjarju tas-Socjeta' Dacia Motors (Malta) Limited (C 18335) u b'digriet tas-27 ta' Settembru 2005 il-kelma 'stralcjarju' giet kancellata u sostitwita bil-kelma 'azzjonist'**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, tliet mija u erbgha u tletin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm3,334.85), rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 463370, 491722, 491720, 491733 u 491244, dana skond ma kif

jidher mill-annessi dokumenti mmarkati Dok. A, B, C, D, E, F, G, H, I u J.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-prezentata ta' l-Avviz ghas-smiegh, ta' l-ittri ufficjali datati 26 ta' Novembru 1999 u 24 ta' Marzu 2004 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il- konvenut Joseph Scicluna jwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut Joseph Scicluna  naqas u ma deherx, la fit-30 ta' Mejju, 2006, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici fil-konfront ta' Joseph Scicluna, bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------